Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-miktub u verbali kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, kif ukoll ħiliet tajbin tal-IT;

Kapaċità murija li josservaw u jiksbu ħiliet ġodda li jappartjenu għall-pożizzjoni;

Juru għarfien u interess fis-settur kulturali u dak kreattiv ta' Malta;

Juru entużjażmu u motivazzjoni adegwati sabiex iħaddnu l-viżjoni sostnuta minn Teatru Malta;

Ikollhom il-kapaċità li jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll fi ħdan tim, taħt pressjoni jekk ikun meħtieġ;

It-taħriġ fi bżonnijiet edukattivi speċjali jitqies bħala vantaġġ.

3. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

Esperjenza ta' xogħol rilevanti, b'mod partikolari relatata maż-żgħażagħ, u l-produzzjoni tal-festivals fis-settur kulturali u dak kreattiv.

Lawrja universitarja fl-arti jew suġġetti relatati se titqies bħala vantaġġ (il-kwalifiki u l-esperjenza ddikjarati jridu jkunu sostnuti b'ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni).[1]

Analiżi SWOT dwar l-edizzjonijiet tal-Festival tat-Teatru taż-Żgħażagħ Trikki Trakki: 2018-2022

Kundizzjonijiet Oħrajn

Flessibbiltà biex jiġu pprovduti servizzi matul tmiem il-ġimgħa u f'ċerti filgħaxijiet abbażi ta' ftehim reċiproku mad-Direttur Artistiku/Maniġer Ġenerali.

Se jkun meħtieġ jaħdem tard jew fi tmiem il-ġimgħa biex jirrispetta l-iskadenzi.

Strong analytical skills in artistic production;

Knowledge and ability to work in a fully digital environment;

Excellent networkers possess excellent interpersonal skills;

General awareness of office procedures and business writing skills;

Experience in project and financial management, with proven ability to organise, plan and prioritise own work and work schedules as projects require;

Excellent written and verbal communication skills in both Maltese and English, as well as good IT skills;

Demonstrated ability to observe and acquire new skills pertaining to the position;

Demonstrate knowledge and interest in Malta's cultural and creative sectors;

Show adequate enthusiasm and motivation to embrace the vision upheld by Teatru Malta;

Possess the ability to work both independently and within a team, under pressure if necessary;

Training in special educational needs would be considered an asset.

3. Submission of Applications

Relevant work experience, particularly in relation to youths, and festival-making in the cultural and creative sectors.

A university degree in the arts or related subjects will be considered as an asset (Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application).[1]

A SWOT analysis on the Trikki Trakki Youth Theatre Festival editions: 2018-2022

Other Conditions

Flexibility to provide services during weekends and on certain evenings based on mutual agreement with the Artistic Director/General Manager.

Will be required to work late or on weekends to meet deadlines.

L-applikazzjonijiet sostnuti bid-dokumentazzjoni meħtieġa flimkien ma' kampjun ta' xogħol kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti u Curcurriculum Vitae dettaljat għandhom jintbagħtu lil (contact@teatrumalta.org.mt) sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 19 ta' Diċembru, 2022, f'nofsinhar.

L-applikanti jrid ikollhom numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT validu. Il-fornitur tas-servizz magħżul se jkun responsabbli għat-tassazzjoni u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali rilevanti kollha skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

L-applikanti eliġibbli se jissejħu għal intervista.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal espressjoni ta' interess għall-għoti ta' servizz bħala Resource Leader għat-tisħiħ fil-litteriżmu permezz tal-isports f'Għawdex (ir-raba' sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden lill-kandidati eliġibbli li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala Resource Leader għat-tisħiħ fil-litteriżmu permezz tal-isports, f'Għawdex, għall-perjodu mill-bidu ta' Jannar 2023 sal-aħħar ta' Ġunju 2023, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz. Is-servizz qed jintalab fuq bażi ta' kuntratt għal servizz sa massimu ta' 10 sigħat fil-ġimgħa. Is-servizz jitħallas b'€11.23 fis-siegħa, inkluża l-VAT jekk applikabbli. L-applikanti għandhom ikunu regolarment disponibbli jumejn fissi mit-Tnejn sal-Erbgħa mis-1.30 p.m. sal-4.30 p.m. għal tul il-kuntratt. L-applikanti se jintalbu jattendu għal intervista.

1. Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ewlenin

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kandidat/i magħżula jinkludu:

l-ippjanar, it-tħejjija, l-organizzazzjoni u l-għoti ta' firxa varjata ta' attivitajiet u programmi sportivi għal tfal u żgħażagħ bejn is-6 snin u t-13-il sena, maħsuba biex itejbu l-ħiliet tal-litteriżmu tagħhom;

it-tħejjija, l-immaniġġjar u s-superviżjoni tat-tagħmir sportiv kollu meħtieġ għall-attivitajiet;

is-sostenn ta' ambjent sikur għall-parteċipanti kollha matul l-attivitajiet sportivi;

il-kollaborazzjoni mal-Promoturi tar-Riżorsi tal-Litteriżmu fit-tħejjija, l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-attivitajiet sportivi kollha;

ħidma flimkien bħala tim li tikkontribwixxi għal programmi differenzjati u l-evalwazzjoni tal-livelli tal-litteriżmu.

Applications supported by the necessary documentation together with a sample of work both in English and Maltese and a detailed Curriculum Vitae are to reach (contact@teatrumalta.org.mt) by not later than noon of Monday, 19th December, 2022.

Applicants must have a valid VAT registration number. The selected service provider will be responsible for all the relevant taxation and social security contributions according to the national legislation.

Eligible applicants will be asked to sit for an interview.

6th December, 2022

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for expression of interest for the services of Enhancing literacy through sports (ELS) Resource Leader in Gozo (fourth call)

The National Literacy Agency invites eligible candidates who would like to offer their services as Enhancing literacy through sports (ELS) Resource Leader, in Gozo, for the period from the beginning of January 2023 to the end of June 2023, to express their interest to provide such service. The service is being requested on a contract for service basis of up to 10 hours of service per week. Service is remunerated at €11.23 per hour, inclusive of VAT if applicable. Applicants must be regularly available on two fixed working days from Monday to Wednesday from 1.30 p.m. to 4.30 p.m. for the duration of the contract. Applicants will be required to sit for an interview.

1. Main Duties and Responsibilities

The duties and responsibilities of the selected candidate/s shall include:

planning, preparing, organising and delivering a varied range of sport activities and programmes for 6- to 13-year-olds intended to enhance literacy skills;

setting up, managing and supervising all sport equipment needed for the activities;

ensuring a safe environment for all participants during the sport activities;

liaising with the Literacy Resource Leaders in the preparation, organisation and delivery of all sport activities;

through a team-based approach, contributing to differentiated programmes and evaluating literacy levels.

ħidma kollaborattiva mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġu pprovduti servizzi/inizjattivi ta' kwalità u f'waqthom;

iż-żamma ta' rekords, profili u statistika regolari kif meħtieġ.

2. Kriterji ta' Eliġibbiltà

2.1 Kwalifika ta' kowċ maħruġa minn organizzazzjoni tal-isport reġistrata u rikonoxxuta minn Sport Malta.

2.2 Mill-inqas għaxar (10) snin esperjenza bħala plejer tal-futbol.

2.3 Mill-inqas ħames (5) snin esperjenza bħala kowċ fil-futbol.

2.4 ĊES (Gradi 1-5) bil-Malti, l-Ingliż u l-Matematika, u suġġett ieħor, preferibbilment suġġett tax-xjenza, jew ekwivalenti, jew ogħla.

2.5 Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-IT fil-livell tal-ECDL speċjalment Word u email, jew ekwivalenti.

2.6 Proficjenza fil-Malti u fl-Ingliż, mitkellma u miktuba.

2.7 Ċertifikat validu ta' kors fil-First Aid. Kandidati li m'għandhomx dan iċ-ċertifikat jiġu kkunsidrati wkoll iżda jkollhom jagħmlu kors tal-First Aid fl-iqsar żmien possibbli.

2.8 Ċertifikat tal-kondotta nadifa maħruġ riċentement mill-Pulizija ta' Malta.

Applikanti (i) b'esperjenza ta' futbol internazzjonali ta' mill-inqas sena fil-livell tat-tim nazzjonali u/jew (ii) bi kwalifika akkreditata postsekondarja jew terzjarja fl-isport jew f'oqsma relatati mal-isports jingħataw preferenza.

Tiġi kkunsidrata esperjenza preċedenti fl-għoti tal-programm 'Bil-Qari u bil-Kitba Niskorja' jew programmi sportivi/edukattivi oħra.

F'każ li ma jkunx hemm applikanti li jissodisfaw il-kriterji kollha, jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet minn kandidati li ma jissodisfawx xi waħda minn dawn il-kriterji: 2.2, 2.3, 2.4, jew 2.5.

3. Applikazzjonijiet

Il-kandidati għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenza f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bil-posta rreġistrata jew bl-idejn lil: Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, NCC,

maintaining a collaborative working relationship with the relevant stakeholders to ensure that quality and timely services/initiatives are provided;

keeping regular records, profiles and statistics as necessary.

2. Eligibility Criteria

2.1 Any coaching qualification by a registered sport organisation recognised by Sport Malta.

2.2 At least ten (10) years experience as a footballer.

2.3 At least five (5) years coaching experience in football.

2.4 SEC (Grades 1-5) in Maltese, English and Maths, and another subject, preferably a science subject, or equivalent, or higher.

2.5 Competency in IT applications at ECDL Level especially Word and email, or equivalent.

2.6 Fluency in Maltese and English, spoken and written.

2.7 Hold a valid First Aid certificate course. Candidates who do not possess this certificate will be also considered but they will have to undertake a First Aid course at the first available opportunity.

2.8 Hold a clean valid police conduct certificate.

Applicants (i) with international experience of at least one year at national team level and/or (ii) with accredited post-secondary or tertiary qualification in sports or sports related fields will be given preference.

Prior experience delivering the 'Footballers' Read and Write Programme' or other sports/educational programmes will be taken into consideration.

In the absence of applicants who satisfy all the criteria, applications will be considered from candidates who do not meet one of the following criteria: 2.2, 2.3, 2.4, or 2.5.

3. Applications

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their relevant scanned certificates by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by registered post or by hand to: National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun

Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 2022, f'nofsinhar.

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb minn (www.education.gov.mt/nla). Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew permezz tan-numru tat-telefown 25983325.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL TAL-ELT

Espert fl-ELT

Espressjoni ta' Interess

Il-Kunsill tal-ELT jixtieq jistieden lil persuni li huma kkwalifikati kif xieraq biex jibagħtu l-Espressjoni ta' Interess tagħhom rigward dan li ġej:

Espert fl-ELT

Esperti fl-ELT ikunu kkonsultati mill-Kunsill tal-ELT fuq bażi kontinwa b'relazzjoni mal-proġetti, il-politiki u l-eżamijiet varji tiegħu kif ukoll evalwazzjoni tal-kwalifiki tal-ELT. Barra minn hekk, l-espert ELT maħtur se jevalwa r-rapporti tal-assessuri tal-Kors TEFL Award.

L-applikanti għandu jkollhom:

kwalifika magħrufa f'Livell 8 NQF fit-TEFL/ELT/TESOL/Lingwistika/ Edukazzjoni Ingliża;

mill-inqas sentejn esperjenza fi rwol simili;

ħiliet eċċellenti fil-kitba tal-Ingliż;

għarfien ta' u esperjenza f'kuntesti ELT kemm lokali kif ukoll internazzjonali;

l-ebda involviment fil-preżent fi skola ELT.

Ħlas

L-applikant magħżul jitħallas ir-rata ta' €25 fis-siegħa.

Dawk interessati jesprimu l-interess tagħhom għandhom jibgħatu ittra ta' applikazzjoni u s-CV tagħhom lill-Kunsill tal-ELT sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022.

Kunsill ELT, Kamra 318
Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

HMR 1304, by not later than Wednesday, 21st December 2022 at noon.

A detailed job description can be found on (www.education.gov.mt/nla). Further information may be obtained by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

6th December, 2022

ELT COUNCIL

ELT Expert

Expression of Interest

The ELT COUNCIL is inviting suitably qualified individuals to submit an Expression of Interest for the following:

Expert in ELT

ELT Experts will be consulted by the ELT Council on an ongoing basis in relation to its various projects, policies and examinations as well as evaluation of ELT qualifications. Moreover, the appointed ELT expert will evaluate TEFL Award Course assessors' reports.

Applicants should have:

a recognised qualification at NQF Level 8 in TEFL/ELT/TESOL/Linguistics/English Education;

at least two years' experience in a similar role;

excellent writing skills in English;

knowledge of and experience in the local and international ELT contexts;

no present involvement with an ELT School.

Remuneration

The Contractee shall be paid the remuneration of €25 per hour.

Those interested in expressing their interest, are to send a letter of application and CV to the ELT Council by not later than Friday, 9th December, 2022.

ELT Council, Room 318
Ministry For Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Triq Assedju l-Kbir, Il-Furjana FRN 1810
Numru tat-telefown 2598 1240/1/2/3/4
jew
Indirizz elettroniku (info.eltcouncil@gov.mt)

Is-6 ta' Diċembru, 2022

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

National Cybersecurity Coordination Centre MITA

Analyst – Information Security

Permess tal-Jobsplus 621/2020

MITA qed tfittex li timpjega Analyst fi ħdan it-tim tan-National Cybersecurity Coordination Centre (NCC). Dan it-tim huwa fdat biex jibni u jmantni il-komunità tan-National Cybersecurity u li jippromwovi opportunitajiet ta' EU funding, filwaqt li jalloka l-fondi lill-partijiet lokali. L-NCC għandu wkoll ir-rwol strateġiku fuq livell ta' EU sabiex apparti milli jifforma parti min-Network tal-NCCs, ikun ukoll l-uniku punt ta' kuntatt f'Malta għaċ-Ċentru Ewropew tal-kompetenzi taċ-ċibersigurtà. Din hija opportunità li l-kandidat magħżul jingħaqad ma' tim ta' professjonisti entużjasti u appassjonati li qed jibnu legacy fid-dominju taċ-ċibersigurtà.

Il-kandidat/a magħżul/a se j/tkun qed jassisti fl-eżekuzzjoni ta' xogħolijiet diversi tal-NCC, filwaqt li j/tkun qed taħdem ma' kollegi biex j/tilħaq l-oġġettivi. Dan ir-rwol j/tipprovdi opportunità li j/taħdem fuq proġetti nazzjonali li jissapportjaw programm komprensiv ta' ċibersigurtà.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Il-kandidat/a magħżul/a mistenni/ja li jkollhom wieħed minn dawn is-settijiet ta' kwalifiċi u/jew esperjenzi fil-qasam tal-ICT:

i) Kwalifika f'qasam relatat mal-ICT f'Livell ta' MQF 5 JEW ogħla, f'dan il-każ, l-esperjenza mhix neċessarja; JEW

ii) Kwalifika f'qasam relatat mal-ICT (Livell ta' MQF 4) U sena esperjenza f'qasam relatat; JEW

iii) Sentejn esperjenza f'qasam relatat

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta'xogħol suġġett li jippovdu r-riżultati finali.

*Il-Kwalifiċi, l-esperjenza u l-kompetenzi tal-kandidati ikunu assessjati fi ħdan il-Career Progression Framework tal-Aġenzija. Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni fuq Livell ta' Associate – Livell ta' Karriera 2; jew livell

Triq Assedju l-Kbir, Floriana FRN 1810
Telephone number: 2598 1240/1/2/3/4
or
Email address (info.eltcouncil@gov.mt)

6th December, 2022

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

National Cybersecurity Coordination Centre MITA

Analyst – Information Security

Jobsplus Permit 621/2020

MITA is seeking to recruit an Analyst within the National Cybersecurity Coordination Centre (NCC) team. This team is entrusted with building and maintaining the National Cybersecurity Community and to promote EU funding opportunities, whilst cascading funds to local parties. The NCC also has a strategic role at an EU level whereby apart from forming part of the Network of NCCs, it is also the sole contact point in Malta for the European Cybersecurity Competence Centre. This is an opportunity for the chosen candidate to join an energetic team of enthusiastic and passionate professionals who are building a legacy in the cybersecurity domain.

The successful candidate will be assisting in executing these various tasks of the NCC, working closely with peers in achieving mentioned objectives. This role provides an opportunity to work on national projects, in support of a comprehensive cybersecurity program.

Eligibility Requirements

The successful candidate is expected to hold either of the following set of qualifications and/or experience:

i) An ICT related diploma (MQF level 5); OR

ii) An ICT related diploma (MQF level 4) together with one-year experience in an ICT related area; OR

iii) Two years' experience in an ICT related area.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

*Candidates' qualifications, experience and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Associate level – Career Level 2, the Standard level –

standard – Livell ta' Karriera 3; jew livell Senior – Livell ta' Karriera 4. Dan jiddependi mil-livell ta' kompetenza murija fl-intervista.

CV dettaljata, flimkien ma' ittra elettronika ta' applikazzjoni, għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2022, lil (careers.mita@gov.mt).

Is-6 ta' Diċembru, 2022

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Espressjoni ta' Interess għall-bdiewa u l-partijiet interessati attivi fis-settur tal-agrikoltura biex iwasslu taħditiet informattivi lill-istudenti tal-Iskola Primarja bħala parti mill-Programm Let's Talking Farming

1. L-Ambitu

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), jinnotifika li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet minn bdiewa u partijiet interessati li huma attivi fis-settur agrikolu biex iwasslu taħditiet informattivi lill-istudenti tal-Iskola Primarja (tal-Istat, tal-Knisja, tal-Privat u Indipendenti) f'Malta u Għawdex.

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali flimkien mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) nedew programm edukattiv imsejjaħ Let's Talk Farming fl-iskejjel Primarji kollha matul din is-sena skolastika attwali. Dan il-programm jinkludi diversi kategoriji ta' attivitajiet u inizjattivi dwar il-produzzjoni tal-ikel li l-iskejjel jistgħu jintegraw bħala parti mis-suġġetti li diġà jiġu mgħallma fil-livell primarju bħal-lingwi u l-matematika fost suġġetti oħra. F'dan ir-rigward, l-għan tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali huwa li jkompli jżid is-sens ta' apprezzament billi jeduka u jkompli jippromovi r-rwol importanti tal-bdiewa bħala produtturi tal-ikel fost is-soċjetà Maltija u Għawdxija, speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet futuri.

2. Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Din l-espressjoni ta' interess hija miftuħa għal kwalunkwe partijiet interessati attwalment attivi fis-settur agrikolu u li huma kapaċi jwasslu taħditiet/preżentazzjonijiet lill-istudenti tal-Iskola Primarja.

L-applikanti eliġibbli għandhom:

Ikunu involuti b'mod attiv fis-settur agrikolu;

Jipprovdu/jaqsmu informazzjoni fir-rigward tal-agrikoltura, l-ipproċessar tal-ikel, l-istorja agrikola, il-biedja organika, it-trobbija tan-naħal, eċċ.;

Career Level 3 or the Senior level – Career Level 4. This depends on the level of competency shown during the interview.

A detailed CV, together with a covering email are to be submitted by not later than Monday, 12th December, 2022 to: (careers.mita@gov.mt).

6th December, 2022

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Expression of Interest for farmers and stakeholders active in the agriculture sector to deliver informative talks to Primary School students as part of the Let's Talk Farming Programme

1. Scope

The Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA), notifies that applications are being received from interested farmers and stakeholders active in the agriculture sector to deliver informative talks to Primary School students (State, Church, Private and Independent) in Malta and Gozo.

The Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights together with the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) have launched an educational programme called *Let's Talk Farming* in all Primary schools this current scholastic year. This programme includes various categories of activities and initiatives on food production that schools can integrate as part of the subjects already taught at primary level such as languages, mathematics among other subjects. In this regard, the intention of the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights is to continue to increase this sense of appreciation by educating and further promoting the important role of farmers as food producers among the Maltese and Gozitan society, especially among future generations.

2. Eligibility Requirements

This expression of interest is open to any stakeholder currently active in the agriculture sector and able to deliver talks/presentations to Primary School students.

Eligible applicants shall:

Be actively involved in the agriculture sector;

Provide/share information with regards to agriculture, food processing, agricultural history, organic farming, beekeeping, etc.;

Jippreparaw materjal edukattiv rilevanti għal udjenza ta' età żgħira;

Ikunu jistgħu jikkomunikaw kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż;

Ikunu kapaċi jipprovdu għajnuniet viżwali kif meħtieġ;

Jipprovdu taħditiet edukattivi/informattivi b'tul ta' mill-inqas siegħa lit-tfal tal-Primarja;

Ikunu jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet magħmula mit-tfal tal-iskola Primarja;

Ikunu disponibbli biex jipprovdu s-servizzi tagħhom matul il-ħinijiet tal-iskola u wara l-ħinijiet tal-iskola, skont kif ikun meħtieġ, skont il-każ;

Esperjenza passata mat-tfal u/jew esperjenza fit-twassil ta' sessjonijiet ta' informazzjoni jitqiesu b'mod favorevoli;

L-applikanti magħżula se jkunu meħtieġa jiffirmaw dikjarazzjoni li turi l-impenn tagħhom għal dan l-assenjament;

Ikollhom it-trasport tagħhom stess

3. Termini u Kundizzjonijiet

Il-kumpens għall-forniment tas-servizz se jkun ta' €35 għal kull sessjoni kompluta. Din ir-rata tinkludi l-ispejjeż u t-taxxi kollha li jistgħu japplikaw ma' dan is-servizz. Il-ħlas isir fuq bażi ta' kull xahar wara tmiem b'suċċess tas-servizz u konferma minn rappreżentant tal-iskola. Fil-każ ta' vjaġġi bejn Malta u Għawdex, il-biljett tal-vapur ta' Għawdex jiġi mħallas lura wara l-preżentazzjoni tat-tali biljett.

4. Sottomissjoni ta' Applikazzjonijiet

Il-partijiet interessati għandhom jibagħtu ittra elettronika lil (letstalkfarming.mafa@gov.mt) fejn juru l-interess tagħhom li jipparteċipaw, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022. L-applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (jiġifieri applikazzjonijiet tard) ma jiġux ikkunsidrati. Is-sottomissjoni għandha tinkludi wkoll CV li tindika l-isfond edukattiv u l-esperjenza relatata mas-settur agrikolu. Tintbagħat ittra elettronika bħala rċevuta ta' konferma għal kull applikazzjoni li tasal. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2292 4203 (waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju).

5. Proċess tal-Għażla

L-applikazzjonijiet kollha se jiġu evalwati minn bord tal-għażla maħtur speċifikament għal din l-espressjoni ta' interess.

Prepare educational material relevant to a young audience;

Be able to communicate in both Maltese and English;

Be able to provide visual aids as needed;

Provide educational/informative talks with a duration of at least 1 hour for school children;

Be able to answer questions raised by primary school children;

Be available to provide his/her services during and after school hours as may be required on a case-by-case basis;

Previous experience with children and/or delivering information sessions will be considered favourably;

Selected applicants will be required to sign an undertaking that specifies their commitment to the assignment;

Be able to provide his/her own transport.

3. Terms and Conditions

Compensation per session for the provision of service will be €35 per completed session. This rate includes all costs and taxes incurred. Payment will take place monthly upon successful completion of service and confirmation by a school representative. In the case of crossing between Malta and Gozo, the Gozo ferry ticket will be reimbursed upon presentation of the ticket.

4. Submission of Applications

Interested stakeholders are to send an email on (letstalkfarming.mafa@gov.mt) highlighting their interest to participate by not later than Friday, 16th December, 2022. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) will not be considered. The submission is to also include a CV indicating the education background and experience related to the agriculture sector. An email will be sent as an acknowledgement receipt for each application received. Further information may be obtained by telephone number 2292 4203 (during office hours).

5. Selection Process

All applications will be assessed by a specifically appointed selection board.

Il-kandidati ineliġibbli se jiġu nnotifikati permezz ta' ittra elettronika.

Il-kandidati eliġibbli se jintalbu jattendu intervista.

Kwalunkwe kwalifiki u esperjenza li jkunu mniżżlin fl-applikazzjoni għandhom jiġu sostnuti minn ċertifikati u/jew xhieda, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mas-sottomissjoni tal-applikant. Kopji skennjati mibgħuta elettronikament huma wkoll aċċettabbli.

Il-kandidati magħżula għandhom, għall-perjodu li matulu jiġu assenjati t-tali dmirijiet, ikunu responsabbli lid-Direttur (PDPID – MAFA) u/jew lid-Direttur Ġenerali (DES – MEYR), jew lir-rappreżentant delegat tiegħu/tagħha.

M'għandu jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess waqt it-twettiq ta' dawn id-dmirijiet.

Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jipprovdu s-servizzi tagħhom matul din is-sena skolastika (Jannar 2023-Mejju 2023).

Is-6 ta' Diċembru, 2022

Ineligible candidates will be notified via email.

Eligible candidates will be requested to attend an interview.

Any qualifications and experience claimed in the application must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the Officer's submission. Scanned copies sent electronically are also acceptable.

Selected candidates shall, for the period during which they are assigned such duties, be accountable to the Director (PDPID – MAFA) and/or Director General (DES – MEYR), or his/her delegated representative.

There should be no conflict of interest whilst performing such duties.

Selected candidates will be required to provide their services throughout this scholastic year (January 2023-May 2023).

6th December, 2022

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Il-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali flimkien mal-Unit tal-Kultura fi ħdan id-Direttorat għall-Wirt Kulturali (Ministeru għal Għawdex), jgħarraf lill-pubbliku ġenerali li minħabba l-attivitajiet ta' Jum ir-Repubbika f'Għawdex nhar it-Tlieta, 20 ta' Diċembru, 2022, se jkun hemm:

Għeluq ta' Triq ir-Repubblika (minn Salib it-Toroq) għal Pjazza Savina u minn Triq l-Imgħallem mis-6.00 p.m. 'il quddiem;

Tneħħija tal-karozzi minn Pjazza Indipendenza (It-Tokk);

Tneħħija tal-karozzi minn quddiem il-Knisja ta' Savina fi Pjazza Savina, Victoria, mis-6.00 p.m. 'il quddiem.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

MINISTRY FOR GOZO

The National and Regional Celebrations Committee together with the Culture Unit within the Directorate for Cultural Heritage (Ministry for Gozo), notifies the general public that due to Republic Day activities in Gozo on Tuesday, 20th December, 2022, there will be:

Closure of Triq ir-Repubblika (from the cross roads) to Pjazza Savina and from Triq l-Imgħallem from 6.00 p.m. onwards;

Clearance of cars in Independence Square (It-Tokk);

Clearance of cars in front of Savina Church in Savina Square, Victoria, from 6.00 p.m. onwards.

6th December, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, Triq Mons. L Catania se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'din il-ġurnata matul dan il-ħin.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Friday, 9th December, 2022, from 9.00 a.m. till noon, Triq Mons. L Catania will be closed for traffic. Parking of vehicles is not permitted during this day and times.

6th December, 2022

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi Triq il-Knisja minn kantuniera ta' Triq il-Viżitazzjoni fid-direzzjoni ta' Pjazza taż-Żjara tal-Madonna, u Pjazza taż-Żjara tal-Madonna se jkunu magħluqa għat-traffiku mit-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2022 sal-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru, 2022, hekk kif imsemmi fl-iskeda ta' hawn taħt:

Btala Pubblika – mill-11.00 a.m. sas-7.00 p.m.
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ġranet normali) – mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m.
Nhar ta' Sibt – mill-11.00 a.m. sal-10.00 p.m.
Nhar ta' Ħadd – mill-11.00 p.m. sas-7.00 p.m.
Nhar is-Sibt, 24 ta' Diċembru, 2022 – mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m.
Nhar is-Sibt, 31 ta' Diċembru, 2022 – mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m.
Nhar il-Ħadd, 25 ta' Diċembru, 2022 – miftuħa għat-traffiku
Nhar il-Ħadd, 1 ta' Jannar, 2023 – miftuħa għat-traffiku

Is-6 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf li nhar it-Tlieta, 13 ta' Diċembru, 2022, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar, ħadd ma jista' jipparkja fi Pjazza taż-Żjara tal-Madonna li se tkun magħluqa għat-traffiku.

Triq il-Knisja, Triq l-Għarb, Triq Ta' Pinu, Triq Ta' Sdieri, Triq l-Isqof M. Molina, Triq it-Trux, Triq Frenċ tal-Għarb, Triq Dun Alwiġ Mizzi, Triq Felić Grech u Triq il-Viżitazzjoni se jkunu affetwati għat-traffiku matul dawn il-ħinijiet.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-laqgħa annwali għar-residenti tal-lokalità se tkun imxandra fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022, fis-6.00 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fir-reġistru elettorali tal-lokalità huma mistiedna biex isegwu l-laqgħa.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

GĦARB LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Għarb Local Council notifies that Triq il-Knisja corner with Triq il-Viżitazzjoni in the direction of Pjazza taż-Żjara tal-Madonna, and Pjazza taż-Żjara tal-Madonna will be closed to traffic from Monday, 12th December, 2022 till Friday, 30th December, 2022, as per schedule below:

Public holidays – from 11.00 a.m. till 7.00 p.m.
Monday to Friday (normal days) – from 6.00 p.m. till10.00 p.m.
On Saturdays – from 11.00 a.m. till 10.00 p.m.
On Sundays – from 11.00 a.m. till 7.00 p.m.
On Saturday, 24th December, 2022 – from 10.00 a.m. till 2.00 p.m.
On Saturday, 31st December, 2022 – from 10.00 a.m. till 2.00 p.m.
On Sunday, 25th December, 2022 – open for traffic

On Sunday, 1st January, 2023 – open for traffic

6th December, 2022

GĦARB LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Għarb Local Council notifies that on Tuesday, 13th December, 2022, from 8.00 a.m. till noon, no parking is allowed in Pjazza taż-Żjara tal-Madonna which will be closed for traffic.

Triq il-Knisja, Triq l-Għarb, Triq Ta' Pinu, Triq Ta' Sdieri, Triq l-Isqof M. Molina, Triq it-Trux, Triq Frenċ tal-Għarb, Triq Dun Alwiġ Mizzi, Triq Felić Grech u Triq il-Viżitazzjoni will be affected for traffic between the mentioned times.

6th December, 2022

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the annual locality meeting will be streamed on the Local Council's Facebook page on Wednesday, 14th December, 2022, at 6.00 p.m.

All residents whose name appears on the locality's electoral register are invited to follow the meeting.

6th December, 2022

KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jistieden lir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-Kunsilli Lokali, jattendi l-laqgħa annwali tal-lokalità li se ssir nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022, fis-6.00 p.m., fi Triq Rudolfu, Tas-Sliema.

Persuni li jixtiequ jattendu għandhom jinfurmaw lill-Kunsill Lokali permezz ta' ittra elettronika lil (sliema.lc@gov.mt) jew bin-numru tat-telefown 2133 7633.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the Tas-Sliema Local Council invites that all residents, whose names appear in the last Local Councils Electoral Register, to attend the Annual Locality Meeting to be held on Friday 16th December, 2022, at 6.00 p.m., at Triq Rudolfu, Tas-Sliema.

Persons who wish to attend are to inform the Local Council by email to (sliema.lc@gov.mt) or by telephone number 2133 7633.

6th December, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022.

Avviż Nru. 122. Bejgħ tale quale tal-Fond f'Nru. 4, Flat Nru. 6, Triq il-Macerata, Il-Furjana, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.JO52_2008_A. L-arja ta' fuq din il-proprjetà mhijiex inkluża. Din il-proprjetà tinsab fi stat ta' bżonn ta' manutenzjoni immedjata. It-tiswijiet li għandhom bżonn isiru jridu jitħallsu minn min jirbaħ din l-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,406 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tliet mija u għoxrin elf u tliet mija u tlettax-il ewro (€320,313) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 123. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' Fond tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija, f'Nru. 64, Triq Għeriexem, Ir-Rabat, Malta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2013_192_B. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittax-il elf u seba' mitt ewro (€16,700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00am on Friday, 9th December, 2022.

Advt No. 122. Sale tale quale in its present state including any latent defects of the Premises at No. 4, Flat No. 6, Triq il-Macerata, Floriana, as shown edged in red on the plan P.D.JO52_2008_A. The airspace is not included. This property is in a derelict state and in need of immediate attention. The repairs required are to be paid for by the sucessful bidder Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €14,406 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three hundred and twenty thousand and three hundred and thirteen euro (€320,313) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 123. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Premises tale quale its present state including any latent defects at No. 64, Triq Gheriexem, Rabat, Malta, as shown edged in red on the plan P.D.2013_192_B. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixteen thousand and seven hundred euro (€16,700) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

6th December, 2022

MINISTERU TAX-XOGĦOLIJIET PUBBLIĊI U PPJANAR

Kunsill Konsultattiv għall-Industrija tal-Bini

Il-Kunsill Konsultattiv għall-Industrija tal-Bini (BICC) jgħarraf illi qed issir talba għall-kwotazzjonijiet biex isir xogħol ta' servizzi fuq accounts u awditjar għall-BICC – Kunsill Konsultattiv għall-industrija tal-bini fi ħdan il-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Ppjanar.

Dokument aktar dettaljat jista' jitniżżel mis-sit uffiċjali tal-BICC. Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-offerti hi nhar it-Tlieta, 13 ta' Diċembru, 2022.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

MINISTRY FOR PUBLIC WORKS AND PLANNING

Building Industry Consultative Council

The Building Industry Consultative Council notifies that a request for quotation for the provision of accounting services and auditing at the end of each year from warranted accountants is being sought by BICC within the Ministry for Public Works and Planning.

A full detailed document can be downloaded from BICC official website. The closing date of submission of offers is Tuesday, 13th December, 2022.

6th December, 2022

AWTORITÀ TAD-DJAR

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru, 2022, għal:

*Avviż Nru. 48/2022. Bejgħ tale quale ta' Garaxx Nru. 1, taħt Blokki A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offerti taħt €17,300 ma jiġux ikkunsidrati;

*Avviż Nru. 49/2022. Bejgħ tale quale ta' Garaxx Nru. 58, taħt Blokki A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offerti taħt €16,300 ma jiġux ikkunsidrati;

*Avviż Nru. 50/2022. Bejgħ tale quale ta' Garaxx 62, taħt Blokki A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offerti taħt €28,000 ma jiġux ikkunsidrati;

*Avviż Nru. 51/2022. Bejgħ tale quale ta' Garaxx 85, taħt Blokki A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offerti taħt €17,700 ma jiġux ikkunsidrati;

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by 10.00 a.m. on Friday, 23rd December, 2022, for:

*Advt No. 48/2022. Sale tale quale of Garage No. 1, underlying Blocks A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offers below €17,300 will not be considered;

*Advt No. 49/2022. Sale tale quale of Garage 58, underlying Blocks A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offers below €16,300 will not be considered;

*Advt No. 50/2022. Sale tale quale of Garage 62, underlying Blocks A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offers below €28,000 will not be considered;

*Advt No. 51/2022. Sale tale quale of Garage 85, underlying Blocks A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offers below €17,700 will not be considered;

*Avviż Nru. 52/2022. Bejgħ tale quale ta' Garaxx 86, taħt Blokki A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offerti taħt €17,600 ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Irid isir ħlas ta' €20 għad-dokumenti tal-offerta u jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL BALZAN

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan jgħarraf li:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Balzan sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar, 2023, għal:

Avviż Nru. BLC 02/2022. Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan;

Avviż Nru. BLC 03/2022. Xogħlijiet ta' pavimentar fi Triq iz-Zekkuk, Ħal Balzan.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti permezz tal-ePPS għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Paola sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Jannar, 2023, għal:

Kiri ta' garaxx street level wieħed għall-Kunsill Lokali ta' Paola.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

*Advt No. 52/2022. Sale tale quale of Garage 86, underlying Blocks A5-A11, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. Offers below €17,600 will not be considered.

*Advertisements appearing for the first time

A fee of €20 will be charged for the tender documents and can be obtained from the Housing Authority's office.

The Housing Authority reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

6th December, 2022

ĦAL BALZAN LOCAL COUNCIL

The Ħal Balzan Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Balzan Local Council up to 9.30 a.m. on Friday, 6th January, 2023, for:

Advt No. BLC 02/2022. Embellishment works in Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan;

Advt No. BLC 03/2022. Pavement works in Triq iz-Zekkuk, Ħal Balzan.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

6th December, 2022

PAOLA LOCAL COUNCIL

The Paola Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Paola Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Friday, 6th January, 2023, for:

Leasing of one (1) street level garage for the Paola Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Il-Kunsill Lokali n-Nadur jgħarraf li:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali tan-Nadur sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2023, għal:

Avviż Nru. NLC/09/2022. Xogħlijiet – għoti ta' wiċċ ġdid ta' Triq l-Irdum ta' Venuta u ta' Triq Wied Rihan, in-Nadur, Għawdex, bil-konkrit.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

6th December, 2022

NADUR LOCAL COUNCIL

The Nadur Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Nadur Local Council up to 9.30 a.m. of Monday, 16th January, 2023, for:


Advt No. NLC/09/2022. Works – resurfacing of Triq l-Irdum ta' Venuta and of Triq Wied Rihan, Nadur, Gozo, with concrete.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Nadur Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

6th December, 2022



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR):
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali



Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Tender part-financed by the European Union
Co-financing Rate:75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in rural areas

KUNSILL LOKALI L-QRENDI

Il-Kunsill Lokali l-Qrendi jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2023, jintlaqgħu offerti fil-Kunsill Lokali l-Qrendi permezz tal-ePPS għal:

Avviż Nru. QLC6/22. Offerta ta' servizz għal knis u tindif tat-toroq fil-lokalità tal-Qrendi b'mod li jitħares l-ambjent bl-użu ta' karozza tas-servizz b'emissjonijiet baxxi.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

QRENDI LOCAL COUNCIL

The Qrendi Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Qrendi Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Monday, 9th January, 2023, for:

Advt No. QLC6/22. Service tender for street sweeping and cleaning within the locality of Qrendi in an environmentally friendly manner using low emission service vehicle

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Diċembru, 2022

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and downloaded from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

6th December, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2245

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2378/2021, fl-ismijiet Joseph Cuschieri et vs Jeffrey Attard et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Jeffrey Attard u Lara Investments Limited, a tenur tal-artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 10 ta' Ġunju, 2021

Lil: Jeffrey Attard (KI 428673M) ta' Lara Buildings, Triq Giuseppi Cali, L-Iklin

Lara Investments Limited (C24441) ta' Lara Buildings, Triq Ġużeppi Calì, L-Iklin

Bil-preżenti Joseph Cuschieri (KI 258754M) u Carmen Cuschieri (KI 60756M) ta' 85, Joe Carm, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, filwaqt li jirreferukom għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-29 ta' Awwissu, 2017, fl-atti tan-Nutar Dott. Maria Spiteri (Dok. A) fejn intom ikkostitwejtu ruħkom solidalment bejnietkom veri, ċerti u likwidi debituri favur il-mittenti fis-somma ta' €40,000 oltre l-imgħax bir-rata ta' 5% b'effett mill-istess data tad-29 ta' Awwissu, 2017, u bl-imgħax bir-rata ta' 8% b'effett mit-28 ta' Frar, 2018 – b'kollox €11,400 sat-28 ta' Mejju, 2021, jinterpellawkom sabiex fi żmien jumejn mil-lum tħallsuhom is-somma msemmija ta' €51,400 dovuti kif fuq ingħad, skont l-imsemmi kuntratt u bl-imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' Mejju, 2021, sad-data tal-pagament effettiv, liema somma hija ċerta, likwida u li għalqet, kollox a tenur tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali qed issir inter alia sabiex id-dejn fuq imsemmi fil-kuntratt pubblikat min-Nutar Dott. Maria Spiteri jiġi reż eżekuttiv kontra tagħkom skont l-artikoli 253(b) u 256(2) tal-Kap. 12.

Fin-nuqqas ta' ħlas sħiħ u immedjat, il-mittenti se jesegwixxu kontra tagħkom it-titolu eżekuttiv tagħhom skont il-liġi. B'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-mittent skont il-liġi.

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 3rd November, 2022, in the records of the judicial letter number 2378/2021, in the names Joseph Cuschieri et vs Jeffrey Attard et, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Jeffrey Attard and Lara Investments Limited, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 10th June, 2021

To: Jeffrey Attard (ID 428673M) of Lara Buildings, Triq Giuseppi Cali, Iklin

Lara Investments Limited (C24441) of Lara Buildings, Triq Ġużeppi Calì, Iklin

By means of this present Joseph Cuschieri (ID 258754M) and Carmen Cuschieri (ID 60756M) of 85, Joe Carm, Triq il-Lampuki, St Paul's Bay, whilst making reference to the constitution of debt contract of the 29th August, 2017, in the records of Notary Doctor Maria Spiteri (Doc. A) where you constituted yourself in solidum between you as certain, liquid and true debtors in favour of the interpellants in the amount of €40,000, besides the interest with the rate of 5% with effect from the same date of the 29th August, 2017, and with interest of 8% with effect from the 28th February, 2018, all together €11,400 till the 28th May, 2021, solicits you so that within two days you pay the amount of €51,400 due as above mentioned, according to the same contract and with further interest from the 29th May, 2021, till the date of effective payment, which amount is certain, liquid and due, all in terms of Article 253 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is made inter alia, so that the debt above mentioned according to the contract in the records of Notary Doctor Maria Spiteri will be rendered executable against you according to article 253(b) and 256(2) of Cap. 12.

In default of the immediate payment of the total amount, the interpellant will execute against you their executive title according to law. Reserving any other action against you according to law.

Tant biex tagħrfu timxu

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Reġistru Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Diċembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to proceed

With costs and legal interest till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts, today 1st December, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2246

B'digriet tat-30 ta' Novembru, 2022, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Ottubru, 2022, fuq rikors ta' Il-Mibrum Auto Dealer (C63637) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'numru mija erbgħa u sittin (164) 'St Joseph' fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Carmel Leonardi (KI 247229A).

Vettura tal-għamla Isuzu Tip ta' kulur blu bin-numru tar-reġistrazzjoni ICF 835.

N.B. Din il-vettura se tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 8/22.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, l-1 ta' Diċembru, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 30th November, 2022, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th October, 2022, on the application of Il-Mibrum Auto Dealer, Wednesday, 14th December, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held in number one hundred and sixty four (164), 'St Joseph' in Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, of the following vehicle seized from the property of Carmelo Leonardi (ID 247229A).

Vehicle of the make Isuzu Tip, blue in colour, with the registration number ICF 835.

N.B. The said vehicle will be sold as described in the acts of judicial sale file number 8/22.

Registry of the Superior Courts, this Thursday 1st December, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

2247

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-1 ta' Diċembru, 2022, u dan wara Rikors b'numru 1058/2022, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' Joseph (Mahmood) Karimi li jġib in-numru 2053 tas-sena 1992, sabiex kull fejn jiddekorri l-kunjom 'Kareem' dan jiġi kanċellat u sostitwit bil-kunjom korrett 'Karimi'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum il-Ħamis, l-1 ta' Diċembru, 2022

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in Virtùe of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 1st December, 2022, and upon an application numbered 1058/2022, ordered:

The Director of the Public Registry to make the necessary corrections or annotations in the Act of Birth of Joseph (Mahmood) Karimi bearing the number 2053 of the year 1992, so that wherever the surname 'Kareem' appears, this is canceled and substituted by correct surname 'Karimi'.

Court of Revision of Notarial Acts
Today Thursday, 1st December, 2022

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2022, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Francis sive Frank Agius va Myleen Agius et Rikors Nru 135/2022AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Myleen Agius u Doreen (Maria Dolores) sive Doreen Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors ta' ġuramentat numru 135/2022 AL fl-ismijiet Francis sive Frank Agius (KI 317168M) vs Myleen Agius (KI 411701L); Doris (Maria Dolores) sive Doreen Camilleri (KI 476673M) u Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-23 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrenti Francis sive Frank Agius talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta Myleen Agius li twieledet lill-konvenuta Camilleri nhar id-19 ta' Ottubru 2001 mhijiex il-wild naturali u bijoloġika tal-attur, previa okkorrendo bl-opera ta' Periti Tekniċi u kif ukoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetiċi u xjentifiċi kontemplati mill-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jistgħu jiġu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Tekniċi talvolta nominati;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjonijiet kollha neċessarji u opportuni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmija Myleen Agius li jġib in-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 4117/2001 sabiex isem l-attur ma' jibqax jidher fuq l-istess ċertifikat tat-twelid.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa ngunti in subizzjoni.

rikorrenti: 38, Madonna ta' Lourdes, Triq Dun Vinċenz Saliba, is-Swatar, Birkirkara BKR 4373.

notifiki: 1. Myleen Agius – 3, St Vincent, Flat 4, Triq Dun Nerik Cordina Perez, il-Ħamrun.

2. Maria Dolores Camilleri – Block B, Flat 5, Triq is-Sebħ, il-Marsa.

Ir-rikors fl-ismijiet Francis sive Frank Agius vs Myleen Agius et, rikors numru 135/2022AL jinsab differita għas-7 ta' Diċembru, 2022 fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Civili (Sezzjoni Familja), illum 5 ta' Diċembru 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 12th October 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Francis sive Frank Agius vs Myleen Agius et, Application Number 135/2022AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Myleen Agius and Doris (Maria Dolores) sive Doreen Camilleri in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of a sworn application in the names Francis sive Frank Agius (ID 317168M) vs Myleen Agius (ID 411701L), Doris (Maria Dolores) sive Doreen Camilleri (ID 476673M) and Director Public Registry, filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd June, 2022, the applicant Francis sive Frank Agius requested this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the respondent Myleen Agius who was born to the respondent Camilleri on the 19th October 2021 is not the natural and biological child of the plaintiff, and this by means of the nomination of Technical Architects and as well by means of those tests and genetic and scientific verifications contemplated by Article 70 of Chapter 16 of the Laws of Malta that can be ordered by this same Court and conducted by Technical Architects nominated;

2. Order the respondent Director of the Public Registry to effect all necessary and opportune corrections in the birth certificate of the said Myleen Agius which bears the progressive registration number 4117/2001 so that the name of the plaintiff no longer appears on the same birth Certificate.

With costs, against the defendants who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: 38, Madonna ta' Lourdes, Triq Dun Vincenz Saliba, Swatar, Birkirkara BKR 4373.

notification: 1. Myleen Agius – 3, St Vincent, Flat 4, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun.

2. Maria Dolores Camilleri – Block B, Flat 5, Triq is-Sebh, Marsa.

The Application in the names Francis sive Frank Agius vs Myleen Agius et, Application Number 135/2022AL has been postponed for hearing to the 7th December 2022 at 9.15a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 5th December 2022,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2249

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-19 ta' Mejju 2021, fl-atti tar-Rikors Nru 181/10 fl-ismijiet Reuben Fenech [ID465473M] u martu Katya Fenech Pace [ID47477M] kemm f'isimhom personali kif ukoll għan-nom, fl-isem u fl-interess ta' binhom minuri Alec Fenech [ID362905L] vs Francis Montebello [ID205139M], Nichola Borisof Kirof [Passaport Bulgaru 335377920], u b'digriet tal-15 ta' Frar, 2013 ġie korrett għal Nikola Borisov Kirov, Alliance Cruises Limited (C 26702), Dr James Pace bħala Kuratur Deputat tal-bastiment ossija Ianea 'San Carlos II', reġistrazzjoni 8128 u, Dr Patrick Valentino u l-PL Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi deputati tas-soċjetà Northernreef Insurance Co. SA. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront ta' Nikola Borisov Kirof, Alliance Cruises Ltd. u Dr James Pace a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Risposta tal-appelli u l-appelli inċidentali ta' Dr Patrick Valentino u l-PL Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi deputati in rappreżentanza tas-soċjetà Northernreef Insurance Co. SA. huma ssottomettew inter alia li s-sentenza erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti, prinċipalment fejn laqgħet l-eċċezzjoni tagħhom illi l-azzjoni fil-konfront tagħhom kienet preskritta a tenur ta' artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta hija ġusta u timmerita konferma.

omissis

Għaldaqstant l-esponenti jgħidu li hija l-umli fehma li kienet korretta l-ewwel Onorabbli Qorti meta ddeċidiet li l-azzjoni fil-konfront tas-soċjetà esponenti kienet preskritta u din għandha tiġi kkonfermata.

Notifika: (i) Nikola Borisov Kirof, SanMar Place, Flat 46, Triq ir-Rebħa, il-Gżira

(ii) Alliance Cruises Ltd., 13 Abate Rigord Str. Ta' Xbiex

(iii) Dr James Pace, Shangri-La Sir Temi Zammit Avenue Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) illum 5 ta' Diċembru 2022

DR FRANCO BONDIN LL.D., M.JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

By means a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 19 May 2021, in the records of Application No. 181/10 in the names Reuben Fenech [ID465473M] and his wife Katya Fenech Pace [ID47477M] both in their personal name and on behalf of and in the interests of their minor son Alec Fenech [ID362905L] vs. Francis Montebello [ID205139M], Nichola Borisof Kirof [Bulgarian Passport 335377920], and by decree of 15th February, 2013 was corrected to Nikola Borisof Kirof, Alliance Cruises Limited (C 26702), Dr James Pace as Deputy Curator of the ship Ianea 'San Carlos II ', registration 8128 and, Dr Patrick Valentino and PL Mario Mifsud Bonnici as deputy curators of the society Northernreef Insurance Co. SA. ordered the following publication in regard to Nikola Borisov Kirof, Alliance Cruises Ltd. and Dr James Pace pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap 12 of the laws of Malta.

By means of a reply to the appeals and cross appeals of Dr. Patrick Valentino and PL Mario Mifsud Bonnici as deputy curators representing the company Northernreef Insurance Co. SA. they submitted inter alia that the judgment, delivered by the first Honourable Court, mainly where it upheld their plea that the action against them was prescribed in terms of article 2153 of Chapter 16 of the laws of Malta is just and merits confirmation.

omissis

Therefore the exponents state that it is their humble view that the first Honourable Court was correct when it decided that the action against the exponent company was prescribed and this should be confirmed.

Notification: (i) Nikola Borisov Kirof, SanMar Place, Flat 46, Triq ir-Rebħa, Gżira

(ii) Alliance Cruises Ltd., 13 Abate Rigord Str. Ta' Xbiex

(iii) Dr James Pace, Shangri-La Sir Temi Zammit Avenue Ta' Xbiex

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) this day 5 December 2022

DR. FRANCO BONDIN LL.D., M.JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2250

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-7 ta' Settembru, 2020, fl-atti tar-Rikors Nru 723/09 fl-ismijiet Christine Hannah Burns (Passaport Ingliż Nru 209251744) bħala mandatarja speċjali ta' John Burns, assenti minn Malta vs Paul Ebejer f'ismu proprio u bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza ta' Water Sports Operations limited (C 33602) gia Sun 'N' Fun Water Sports Limited

By decree given by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 7th September, 2020, in the records of Appeal No. 723/09 in the names Christine Hannah Burns (English Passport No. 209251744) as special mandatory of John Burns, absent from Malta vs. Paul Ebejer in his own name and as a director and on behalf of Water Sports Operations limited (C 33602) formerly Sun 'N' Fun Water Sports Limited

(C 33602) u Luke Curmi u, b'digriet tad-19 ta' Jannar, 2011, ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited u b'digriet tat-3 ta' Lulju, 2020 l-isem tas-soċjetà kjamat in kawża ġie jaqra Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera AIG Europe S.A. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront ta' Luke Curmi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz ta' rikors tal-appell ta' Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera AIG Europe S.A. ġa AIG Europe Limited ġa Chartis Europe Limited ġa American Home Assurance Company (C1052) l-esponenti appellanti ħasset ruħha aggravata minn mis-sentenza tal-11 ta' Ġunju, 2020 fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, kif ukoll mid-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2011, permezz ta' liema digriet l-esponenti ġiet kjamata in kawża, u minnhom qiegħda tinterponi dan l-umli appell tagħha.

Illi l-aggravji jikkonsistu fis-segwenti: (1) L-esponenti m'għandha ebda relazzjoni Iegali jew ġuridika mal-attur. (2) In-nullità tas-sentenza fil-konfront tal-esponenti billi id-decide ma jikkombaċjawx kemm mal-premessi kif ukoll mat-talbiet attriċi. (3) Dwar nuqqas ta' responsabbiltà ta' inċident Ii għandu jiġi dikjarat bħala casus. (4) I-istess polza ta' assigurazzjoni, liema polza relattiva għandha "limits of indemnity" u għalhekk qatt ma tista' tiġi kkundannata thallas ammont akbar minn dak skont kif previst mill-istess kuntratt ta' assigurazzjoni.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li tagħmel riferenza sħiħa għas-sottomissjonijiet u xhieda u provi mressqa quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, u tirriserva id-dritt li tagħmel dawk is-sottomissjonijiet u tipproduċi x-xhieda kollha permess lilha skont il-liġi, titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportun jogħġobha tirrevoka contrario imperio d-digriet mogħti mill-ewwel Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Jannar, 2011, fejn laqgħet it-talba għall-kjamat in kawża tal-esponenti u inoltre tirriforma s-sentenza premessa appellata mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi tal-11 ta' Ġunju, 2020 u dana billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-esponenti u konsegwentement tillibera lill-esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur; u fin-nuqqas li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet preċedenti u issib lill-esponenti responsabbli għall-inċident u tikkundannha tħallas id-danni lill-attur, l-ammont ta' danni għandu jkun limitat għas-somma ta' mhux aktar min Eur 166,550 skont il-limiti tal-polza relattiva.

Notifika: (i) Luke Curmi, Tar-Razzett Complex, Citrus Court, 47, Triq il-Mitħna, Ħ'Attard; u 32 Triq il-Pont Mosta.

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) illum 5 ta' Diċembrum 2022

DR FRANCO BONDIN LL.D., M.JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(C 33602) and Luke Curmi and, by decree of 19th January, 2011, the company Montaldo Insurance Agency Limited was joined in suit and by decree of 3rd July, 2020 the name of the company joined in suit now appears as Montaldo Insurance Agency Limited on behalf and in representation of the foreign company AIG Europe S.A. ordered the following publication in regard to Luke Curmi pursuant to section 187(3) et sequitur of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Whereas by means of an Appeal Application by Montaldo Insurance Agency Limited on behalf and in representation of the foreign company AIG Europe S.A. formerly AIG Europe Limited formerly Chartis Europe Limited formerly American Home Assurance Company (C1052) the exponent appellant felt aggrieved by the judgment of 11th June, 2020 in the cause in the names mentioned above, as well as by its decree of 11th January, 2011, by means of which decree the exponent was joined in suit, and against which it is interposing its humble appeal.

Whereas the grounds of appeal consist of the following: (1) The exponent has no legal or legal relationship with the plaintiff. (2) The nullity of the judgment against the exponent because the decision does not agree with both the premises and the plaintiff's claims. (3) Regarding lack of responsibility for the incident this should be declared as casus. (4) The same insurance policy, which policy has "limits of indemnity" and therefore it can never be condemned to pay an amount greater than what is provided for in the same insurance contract.

Therefore the exponent while making full reference to the submissions and witnesses and evidence presented before the First Honourable Court, and reserves the right to make those submissions and produce all the witnesses allowed to her according to the law, she humbly asks this Honourable Court, prior to any a necessary and opportune declaration to revoke contrario imperio the decree granted by the First Honourable First Hall of the Civil Court on January 19th, 2011, where it granted the request for joinder in suit of the exponents and furthermore reform the appealed sentence delivered by the Honourable First Hall of the Civil Court in the case in the aforementioned names of 11th June, 2020 and this by upholding all the exponents' exceptions and consequently non suiting the exponents with the costs of both instances against the plaintiff; and if this Honourable Court dismisses the previous requests and find the exponent responsible for the accident and condemns it to pay damages to the plaintiff, the amount of damages shall be limited to the sum of not more than Eur 166,550 according to the limits of the relative policy.

Notification: (i) Luke Curmi, Tar-Razzett Complex, Citrus Court, 47, Mill Street, Attard; and 32 Triq il-Pont Mosta.

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) this day 5th December, 2022

DR FRANCO BONDIN LL.D., M.JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603